12 ta' Frar, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Nazzareno Abdilla

## Serq — Pussess ta' Oġġetti Misruqa — Art. 299 tal-Kodiċi Kriminali

*Kull min, wara li jkun ġie kundannat f'dawn il-Gżejjer għal serq jew għal riċettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' ħwejjeġ misruqa, mingħajr ma jagħti kont soddisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu, jeħel il-piena stabbilita għal serq sempliċi skond il-valur tal-ħaġa misruqa.*

*Il-fatt li l-imputat jgħid li xtara l-ħaġa mingħand persuna skonoxxuta ma jiġġustifikahx.*

*Lanqas ma tiswa l-allegazzjoni tal-imputat li hu sab dik il-ħaġa u*

*żammha; għax min isib ħaġa u jżommha, meta kellu jissupponi li dik il-ħaġa kienet ta' xi ħadd, u li dan ix-xi ħadd ma riedx jabbanduna l-proprjetà tiegħu, jikkommetti serq; u l-awtur tas-serq hu xorta waħda ħati tal-pussess ta' oġġett misruq.*

Il-Qorti — Rat l-atti kompilati kontra Nazzareno Abdilla fuq l-imputazzjoni talli, bħala persuna li ġa ġie kundannat f'dawn il-Gżejjer għal serq, iż-Żejtun, fit-13 ta' Ottubru 1954, instab fil-pussess ta' ħwejjeġ misruqa li jiswew aktar minn £10 imma anqas minn £100, mingħajr ma ta kont soddisfaċenti ta' kif kienu ġew leġittimament għandu;

Rat in-nota tal-Attorney General tat-8 ta' Novembru 1954, li biha l-imsemmija attijiet ġew mibgħuta lill-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, ħalli l-istess tiddeċidi dwar ħtija ta' kompetenza tagħha taħt dak li hemm maħsub fl-art. 299 tal-Kodiċi Kriminali u fil-Government Notice numru 337 tal-1940, barra kull ċirkustanza oħra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-23 ta' Novembru 1954, li biha sabet lill-imputat ħati talli, bħala persuna li ġa ġiet kundannata għal serq f'dawn il-Gżejjer, instabet fil-pussess ta' ħwejjeġ misruqa li jiswew aktar minn £3 iżda anqas minn £10, mingħajr ma ta kont soddisfaċenti ta' kif kienu ġew leġittimament għandu, u kkundannatu għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien erbgħa xhur;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

L-imputazzjoni hi taħt l-art. 299 (art. 287 fin-numerazzjoni tal-1914, u 270 fin-numerazzjoni oriġinali tal-1854), li jgħid hekk: — "Il-piena stabbilita għal serq sempliċi skond il-valur tal-ħaġa misruqa tiġi mogħtija lil kull min, wara li jkun ġie kundannat f'dawn il-Gżejjer għal serq, jew għal riċettazzjoni, jinsab fil-pussess ta' ħwejjeġ misruqa mingħajr ma jagħti kont soddisfaċenti ta' kif ikunu ġew leġittimament għandu";

Il-kundanna tal-Qorti tal-Ewwel Grad tirrigwarda li "spare wheel", ossija li "stepney", u n-"number plate no. 10152";

Għandu jingħad, għar-regolarità fir-redazzjoni tal-inkartamenti proċesswali, li fuqha wieħed qatt ma jista' jinsisti għas-sufficjenza, li s-Surġent Fava, fol. 10, eżibixxa ħames "oġġetti", fosthom dan in-"number plate", iżda l-oġġetti eżibiti fix-xhieda tiegħu huma ndikati daqs kieku kienu erbgħa biss, bl-ittri B, C,D u F, bl-ittra "E" maqbuża. Fil-lista tal-oġġetti eżibiti, miġjuba fuq id-dahar tal-kopertina, sar mbgħad żball ieħor, li kompla jikkomplika s-sitwazzjoni, għax hemm biss erbgħa oġġetti (in-"number plate hu mħolli barra), u daħlet l-ittra "E", li qabel kienet maqbuża. Għall-meritu, dan ma jagħmelx differenza, iżda f'kontinġenzi oħra seta' jagħmel; u barra minn hekk, l-eżattezza fil-kumpilazzjoni tal-inkartamenti hija "sine qua non";

Id-difiża tibbaża l-appell fuq dawn iż-żewġ punti: —

Kwantu għal li "spare wheel", tgħid li l-imputat ta kont soddisfaċenti tal-akkwist tagħha;

Kwantu għan-"number plate", tgħid li dan ma jiswa xejn, li l-Pulizija ma ppruvatx li kien misruq, u li, se maj, min isib oġġett taħt ċirkustanzi li jagħtu x'wieħed jifhem li għandu padrun li ma riedx jabbandunah jikkommetti serq, mentri d-dispożizzjoni in parola tikkuntempla pussess ta' oġġett misruq minn ħadd ieħor;

Ikkunsidrat;

Ma hux kontrastat, u jirriżulta mid-dokumenti eżibiti, li l-appellant ġa ġie kundannat għal serq, u kwindi r-rekwiżit relattiv ta' l-art. 299 fuq ċitat hu soddisfatt;

Kwantu għal li "spare wheel" irriżulta soddisfaċentement mix-xhieda ta' Runcoronia li dan ġie misruq, u b'hekk hu soddisfatt ir-rekwiżit l-ieħor;

Jonqos li wieħed jara jekk l-appellant tax kont soddisfaċenti. L-Imħallef sedenti jaqbel mal-Maġistrat li l-appellant ma laħaqx din il-prova. Ix-xhieda li ġieb, apparti li jidhru interessati, ma jikkonkludu xejn. Il-fatt li l-imputat jgħid li xtara l-ħaġa minn għand persuna skonoxxuta ma jiġġustifikax (ara App. Krim. "Pulizija vs. Costantino Pace", 13 ta' Gunju, 1910);

Il-valur ta' li "stepney" hu ta' £8, kif deher mill-prova relattiva fol. 23;

Kwantu għan-"number plate";

Jirriżulta li dan għandu valur ta' 5s. Għalhekk hu stran li, ġa ladarba li hemm in-numru fuqu, il-Pulizija ma pproduċietx il-persuna li kellha vettura hekk numerata, li tmissha, għalhekk, kienet faċilment rintraċċjabbli, u lanqas ġiet mogħtija ebda spjegazzjoni ta' dan in-nuqqas; però l-Qorti ma tistax tgħid li dan in-"number plate" hu "res derelicta", għax ebda "car driver" ma jrid jitlef in-"number plate", jew, jekk jaqgħalu u jinduna, jew isibu, jew ma jridx jitilfu. Dwar ir-riljev l-ieħor tad-difiża, l-Imħallef Dr. Paolo Debono, fil-proċess "Rex vs. Cardona", 11 ta' Novembru, 1901, spjega dan l-artikolu b'dan il-mod: —

"Ai termini della prima disposizione dell'articolo 270 delle Leggi Criminali, edizione del 1893, si ha che la legge manifestamente presume dal fatto della detenzione, congiunto con quello della precedente condanna, che il possessore della cosa furtiva sia stato autore o partecipe del furto, e pone a carico di lui la prova in contrario";

L-Imħallef sedenti jsib raġunata din l-interpretazzjoni tal-predeċessur tiegħu. Issa, meta l-imputat, skond dak li ammetta hu stess, qabad u żamm dan in-"number plate" li hu sab (jekk kien hekk), hu kommetta serq (App. Krim. "Pulizija vs Filippo Mizzi", 8.2.1909, Sir Joseph Carbone), għax kellu jissoponi li kien ta' xi ħadd u li dan ix-xi ħadd ma riedx jabbanduna l-proprjetà tiegħu. Jekk, kwindi, b'daqshekk l-istess imputat hu awtur tas-serq tan-"number plate", l-artikolu hu soddisfatt, skond l-interpretazzjoni ta' l-Imħallef Dr Debono, li din il-Qorti, kif kostitwita, tadotta;

Għalhekk tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.